## REGJUN XLOKK

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

# Minuti tal-Laqgha Nru. 24 / 2012

Il-Laqgha Nru 24/2012 tal-Ewwel Amministrazzjoni saret it-Tnejn, 23 ta' Jannar 2012 fis-6.30pm fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien f' 73 Triq Santa Marija, Tarxien. Data u hin

**Prezenti ghal-laqgha :** Attendenza

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, Sindku Tarxien |
| Dr Alexei Dingli | Sindku Valletta |
| Is-Sur Joseph Casha | Sindku Isla |
| Is-Sur Joseph Scerri | Sindku Bormla |
| Is-Sur Dominic Agius | Sindku Zabbar |
| Is-Sur Joseph Attard | Sindku Zejtun |
| Is-Sur Michael Cohen | Sindku Kalkara |
| Is-Sur Francis Debono | Sindku Marsa |
| Is-Sur Mario Calleja | Sindku M'Scala |
| Is-Sur Dominic Grima | Sindku Paola |
| Is-Sur Anthony Valvo | Sindku Xghajra |
| Is-Sinj. M'Lourdes Lautier | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati :**
Sindku Birgu
Sindku Fgura
Sindku M' Xlokk

**Assenti :**
Sindku Floriana

Il- President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha li bdiet fis-6.30pm.

## 24.1 <u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 23/2011 mizmuma fil-15 ta' Dicembru 2011, kienu ġew iċċirkolati minn qabel, ghalhekk il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija, u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.
Il-Kumitat approva l-minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 24.2 Punti Mqajjma

### 24.2.1 LES

24.2.1.1 Il-President informa lil dawk prezenti li l-process tal-Agudikazzjoni tat-Tender tal-LES kien kwazi wasal fil-final. Pero s-Segretarju Ezekuttiv, waqt li kienet qed thejji r-Rapport Finali, rat li certi kjarifikazzjonijiet li kienu gew mitluba minn ghand Sterling Security ma kienux konklussivi. Ghalhekk saret laqggha ohra fejn il-Bord talab lil din il-kumpanija ticcara xi punt crucjali dawr uzu tal-muturi, posta u dwar il-break, fost ohrajn. Ir-risposti ghadhom kemm waslu u ser tissejjah laqgha fil-qarib. Tender LES

24.2.1.2 Hawnhekk, tkellem is-Sindku ta' Paola li semma' kif wardens fil-lokal tieghu qed ikun ta' xkiel enormi u qed joholqu ostakoli ghar-residenti - donnhom apposta. Ezempju semma' fejn nies ta' certu triq ghandhom dritt johorgu minnha; pero allavolja il-kumpanija tal-Wardens giet provduta bl-ismijiet ta' dawn ir-residenti sabiex jigu ezentati meta twahhlet il-kamera, il-Wardens baqghu jippersistu li jghatuhom citazzjonijiet ripetutament anke ghal 7 darbiet ! Hrug ta' Citazzjonijiet mhux validi

Mhux talli dawn ic-citazzjonijiet ma jkunux validi - talli r-Regjun qed ihallas ghal din il-kwota esegerat u fitizja li mhux ser irendi qliegh minnha ghax ma jkunux validi.

Semma kif f' toroq principali ta' Rahal Gdid ma ssibx Warden, waqt li jekk tmur lejn Kordin issibhom hemm jahlu l-hin a spejjez tar-Regjun. Ghalhekk is-Sindki prezenti talbu li ssir sistema fejn kull Warden ghandu jibda l-gurnata billi jirraporta fil-Kunsill Lokali ta' fejn ser ikun jaqdi dmirijietu.

Kien hemm hafna lmenti dwar is-servizz tal-Wardens minn diversi Sindki, ghalhekk gie deciz li ssir laqgha mal-Authorised Officer sabiex tigi mhejjija schedule effettiva tal-Wardens.

Xi Sindki lmentaw ukoll, li fil-lokalitajiet taghhom il-Pulizija qed johorogu jghatu citazzjonijiet fis-satra tal-lejl u li ghalhekk qed jitolbu li ssir laqgha fuq dan l-ilment mal-Kummissarju tal-Pulizija.

24.2.1.3 Il-President irrefera ghal-e-mail mibghuta mis-Sur Maurice Caruana fit-30 ta' Dicembru 2011 dwar INFURZAR RISTRETT minn xi Kunsilli Lokali - kellu nformazzjoni li certu Kunsilli kienu naqqsu s-sieghat tal-Wardens fil-lokalita' taghhom minn jeddhom u minghajr qatt ma kkonsultaw mar-Regjun. Infurzar Ristrett

Kien hawnhekk li xi Sindki qalu li huma kellhom bzonn aktar Wardens. Is-Sindku tal-Belt Valletta talab li jkollu aktar sieghat waqt li s-service provider tieghu qal li kien il-Kunsill Lokali tal-Belt stess li talab li jnaqqas is-sieghat.

Il-President wera figuri li juru per ezempju, kif fil-Belt Valletta :-

| **Fis-Sena** | **2011** inghataw dawn ic-citazzjonijiet | **2010** inghataw dawn ic-citazzjonijiet |
|---|---|---|
| Jannar | 659 | 620 |
| Frar | 580 | 568 |
| Marzu | 670 | 626 |
| April | 684 | 596 |
| Mejju | 666 | 601 |
| Gunku | 588 | 562 |
| Lulju | 647 | 486 |
| Awissu | 476 | 480 |
| Settembru | 125 | 443 |
| Ottubru | 379 | 558 |
| Novembru | 419 | 660 |
| Dicembru | 347 | 602 |

Is-Sindku tal-Kalkara talab li ghall-laqgha li jmiss, l-Authroised Officer ghandu jigi mitlub jipprepara tabella li turi n-numru ta' citazzjonijiet moghtija f' dawn l-ahhar gimghat f' kull lokalita'.
Il-President informa lil dawk prezenti li llum ma telghax rapprezentant tal-Wardens waqt is-seduta tat-Tribunal taz-Zejtun u lanqas kellhom ritratti b' rizultat li min wettaq kontravenzjoni gie liberat. Saret komunikazzjoni mal-kumpanija immedjatament f' dan is-sens.

24.2.1.4 Saret referenza ghal-*e-mail* mibghuta fit-2 ta' Jannar 2012 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar fost ohrajn, tabelli u servizz ta' Wardens qrib l-iskejjel f' Marsaxlokk, Haz-Zabbar, iz-Zejtun u Rahal Gdid. Dawn gew mgharrfa b' din l-*e-mail* u ntbaghtet anke reminder. Wardens hdejn certu skejjel
L-unika zewg lokalitajiet li rrispondew kienu z-Zejtun u Rahal Gdid u l-korrispondenza taghhom intbaghtet lid-Dipartment.
Ta' min jinnota li meta r-Regjun fassal il-htiegijiet tieghu tal-Wardens, ma gewx ikkunsidrati sieghat partikolari ghal ma' dawn l-iskejjel imsemmija.
Barra minn hekk dawk kollha prezenti rrimarkaw li l-Pulizija m' ghandhomx jabdikaw mir-responsabilita' taghhom f' dan ir-rigward. Il-bollards ghandhom ikun responsabilita' u a kariku tal-istess skejjel.

24.2.1.5 **Haddiema tat-Tribunali Lokali** Haddiema tat-Tribunali Lokali
Sal-lum ir-Regjun ghadu ma nghatax direzzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-pozizzjoni tal-haddiema tat-Tribunali – u dan wara hafna gimghat ta' korrispondenza u kommunikazzjoni. Il-fatt li issa wkoll inbidel il-Ministru kompla qed itawwal il-process tal-integrazzjoni taghhom.

24.2.2 **Logo ghar-Regjun** Logo
Giet iffissata laqgha mis-Segretarju Ezekuttiv mad-Direttur tal-Gvern Lokali biex jigi diskuss id-disinn li gie prezentat mis-Sur Adrian Strickland. Dan id-disinn ma kienx gie accettat mil-Kumitat Regjonali meta gie prezentat lilhom fil-laqgha Amministrattiva precedenti. Din il-laqgha mad-Direttur li saret fit-12 ta' Jannar 2012 attendew ghaliha is-Sur Strickland, is-Segreatrju Ezekuttiv kif ukoll il-Vici Sindku tal-Fgura is-Sur Anthony Degiovanni li kien hu stess li ddisinja l-logo li ntghazel mill-Kumitat Regjonali xhur qabel. Peress li ntweriet id-diterminazzjoni tar-Regjun li jibqa jzomm il-logo li kien prepara is-Sur Degiovanni stess, u wara diskussjoni dwar korrezzjoni teknika mas-Sur Strickland, id-Direttur fehem u accetta li r-Regjun izomm il-logo tas-Sur Degiovanni.
Meta saret il-korrezzjoni teknika tal-logo intbaghtet lis-Sindki minnufih u ntalab feedback immedjat. Illum, dawk kollha prezenti qabblu unanimament mal-logo kif korrett.
Ir-Regjun issa qed jistenna approvazzjoni formali mid-Dipartiment.

## 24.3 <u>Affarijiet Finanzjarji</u>

24.3.1 **Hlasijiet** Hlasijiet
Giet prezentat Payment Schedule u dawk prezenti approvaw il-hlasijiet indikati fl-istess schedule.

24.3.2 **Sitwazzjoni Finanzjarja** Sitwazzjoni Finanzjarja
Is-Sindki gew infurmati li r-Regjun ghadu mhux ilahhaq mal-ispejjez u mhux qed jonora l-invoices kollha. Wiehed irid izomm f' mohhu li r-Regjun wasal biex jiccaqlaq ghall-post il-gid tieghu u l-ispejjez li din tinvolvi.
Saret kommunikazzjoni ma' certu Kunsilli Lokali u ma' l- Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali peress li dawn kienu ghadhom ma ddepozitawx ammonti

sostanzjali dovuti favur ir-Regjun.
Sal-lum, hemm dovuti madwar €104,000, il-bank hemm madwar €69,000 u skond LES Receipient Bank Pending Transfer From Account Report – Report ID 109, hemm dovuti lir-Regjun madwar €71,000. Pero wiehed ta' min jinnota li dan ir-rapport mhux korret sal-ahhar ez. ghadu ma sarx update fl-ammont dovut mill-AKL. Saret korrispondenza mir-Regjun ma' Datatrak sabiex l-ammont dovuti mill-AKL ikun rejali.

24.3.3 **Hlas lil Datatrak**

Datatrak Hlas ghall-Connectivity

Is-Segretarju Ezekuttiv prezentat invoice ta' Datatrak dwar connectivity tas-Sistema tal-LES biex tkun accessibbli mill-Accountant tar-Regjun u dawk prezenti qabblu li ghandu jsir il-hlas.

24.3.4 **Xiri ta' Licenzja ta' *Payroll Software***

Payroll Software

L-Accountant tar-Regjun issugerixxa li r-Regjun ikollu *software tal-Payroll* u gie ikkunsidrat li r-Regjun ser jintegra numru ta' haddiema. Dan billi Mazars Consulting tixtri licenzja ta' kumpanija addizzjonali fuq is-sistema tal-pagi taghha minn ghand Technosoft Ltd, versu l-prezz ta' €118 VAT inkluz. L-informazzjoni kontenuta f' dan is-*software* tkun tar-Regjun u kemm-il darba Mazars Consulting ma jibqgghux Accountants tar-Regjun, id-*data* xorta tibqa' tar-Regjun – pero, ir-Regjun ikollu jixtri full software biex jaccessa d-data. Li kieku r-Regjun ikollu jixtri hu dan is-*software* illum, dan ikun iqum il-fuq minn €1000.
Dawk prezenti unanimament qabblu li tinxtara l-licenzja addizzjonali fuq is-*software* ta' Mazars Consulting .

## 24.4 Affarijiet Ohra

24.4.1 ***Appraisal Report* tas-Segretarju Ezekuttiv**

Appraisal Seg Ezek

Gie prezentat *Appraisal Report* tas-Segretarju Ezekuttiv ghas-sena 2011.
Il-President talab lis-Segretarju biex tohrog sabiex dan ir-rapport seta' jigi diskuss mis-dawk prezenti. Fil-fatt qabblu mas-sugeriment tal-President li s-Segretarju Ezekuttiv tinghata *Performance Bonus* ta' 10%. Is-Segretarju Ezekuttiv irringrazzjathom.

## 24.5 Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament

Gheluq

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.10pm.
Il-Laqgħa li jmiss ser tinzamm il-Gimgha, 17 ta' Frar 2012 fis-6.30pm, fil-boardroom tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien.

| | |
|---|---|
| **Chev. Paul Farrugia**<br>**President** | **M' Lourdes Lautier**<br>**Segretarju Ezekuttiv** |

Minuti approvati llum __________________, _______ ta'_____________________2011.
(Jum) (Data) (Xahar)